KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

**6 ta' Dicembru, 2010**

**LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM**

l-Erbgha u tletin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar il-Hamis, 9 ta' Dicembru, 2010 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fil-***2.00 ta' wara nofs in-nhar.*** Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

**AGENDA**

1. Talba
2. Minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Gita ghall-Mellieha
5. *Mixed household waste* Tender
6. Gemellagg mal-Comune di Eriche
7. *Community Chest Fund event* – rendikont
8. Progett ghall-Eko Ghawdex
9. Minuti tal-laqghat – Mozzjoni Joe Camilleri *(b'email fit-23 ta' Novembru)*
10. Ikla tal-Milied
11. Materji ohra

**Grazzi u tislijiet,**

A. Cauchi

**Amanda Cauchi**
**Seg. Ezekuttiv**

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

Minuti tal-erbgha u tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 9 ta' Dicembru, 2010, fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sinj Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |
| Assenti: | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal it-talba, ta' bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza

   - Is-Sindku ta' rendikont ta' l-intervista li kellu fuq il-PBS rigward l-attivita` ta' Bethlehem f'Ghajnsielem 2010. Hu qal li dan ir-recording kien ser isir fuq l-Educational Channel 22 nhar it-23 ta' Dicembru 2010.
   - Stedina lis-Sindku u Kunsilliera minn ghand il-Kunsill tal-Munxar ghall-aveniment ta' Jum il-Munxar.
   - Stedina lis-Sindku u membru fl-okkazjoni tal-25 sena mit-twaqqif tad-Dar Guzeppa Debono.
   - Is-Sindku qara l-ittra li rcieva l-Kunsill mid-Dipartiment tal-Artijiet, fejn dawn taw rendikont ta' l-art li hemm fuq Kemmuna, taht min taqa' individwalment. Hu kompla jghid li l-Kunsill gie ordnat li jzomm dan il-materjal ghalih biss minhabba d-Data Protection Act.
   - Stedina minn zewg enginiera mill-Enemalta biex jitkelmu mal-Kunsill fuq mizuri sostenibbli kif tista' tintuza l-energija b'mod aktar efficjenti. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgha mal-enginiera u ghandu jikteb lill-Enemalta biex jaghzlu data ta' meta ghanda ssir..
   - Memo 95/2010 – id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, flimkien mal-Awtorita tat-Turizmu approvaw lill-Kunsill Lokali Ghajnsielem s-somma ta' €9,500 fuq il-progett Bethlehem f'Ghajnsielem 2010.
   - Premju Qalb tad-Deheb 2010 – Moviment Kana talab lil-Kunsill jinnomina persuna/i li jistgha/u jiehdu dan il-premju ghal-din is-sena.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

- Transport Malta
    - *reserved parking for loading/unloading* fit-Triq J.F. Chambrai – approvata.
    - *Talba ghal-pedestrian crossing* fil-Pjazza Madonna ta' Loreto minn xi resident – il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li ssir din il-*pedestrian crossing* quddiem il-kazin tal-banda.
- Memo 118/2010 – risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn l-applikazzjoni li kien mela l-Kunsill ghal Memo 117 ma gietx maghzula.
- Enemalta: Risposta ghal talba ta' lampi godda.
    - Triq il-Qighan – ma approvawx bozza, izda l-Kunsill approva li jizdied il-voltagg fuq l-eqreb bozza kif issuggeriet l-Enemalta.
    - Triq Dahla ta' L-Ghama – Bozza mhux approvata
    - Triq il-Gnien – Bozza approvata
- Inizjattiva Gillette – il-Kunsill approva li jitqassmu dawn ix-xfafar lill-irgiel tar-rahal mit-12 sa l-14 ta' Jannar 2011.
- MEPA – is-Sindku ta' rendikont tal-permessi u l-applikazzjonijiet godda kif ukoll *enforcement notices* li saru ricenti lill-MEPA fir-rahal t'Ghajnsielem

4. Gita ghall-Mellieha

Din il-gita ser issir fit-22 ta' Dicembru, 2010. Is-Sur Larry Buttigieg issuggerixxa li din il-gita issir mal-vapur tal-4.30pm u lura ma' tal-10.35pm, fejn il-loghba ta' l-Isnooker ser tibda fl-6.00 pm. Il-Kunsill avza lis-Segretarju Ezekuttiv biex tohrog avviz fuq il-bullettin. Il-Kunsill qabel li jhallas it-transport mic-cirkewwa sal-Mellieha u lura.

5. Tender – Gbir ta' Skart Imhallat

Is-Sindku qara r-rapport tal-evalwazzjoni li hejja s-sur Adrian Mifsud, president tal-ASKLM fejn dan qal li t-tender tas-Tony Mercieca ma kienetx tikwalifika ghax kella hafna dokumenti nieqsa, nkluz dak tal-MEPA peress li l-applikant ghamel kopja ta' l-isticker biss. Fuq it-tender tal-K.I.P. is-sur Mifsud qal li din kienet tikkwalifika pero kopja tal-permess tal-MEPA ma kienetx sottometta ma' l-aplikazzjoni izda l-isticker biss. Il-Kunsill qabel mar-rapport tas-sur Adrian Mifsud li l-

applikazzjoni tas-sur Tony Mercieca ma tigix accettata u kien ser jitlob ghal-parir minghand l-avukata tad-Dipartiment dwar l-applikazjoni l-ohra tal-K.I.P., rigward il-permess tal-Mepa. Jekk l-avukata tad-Dipartiment taghti parir li t-*tender* tibqa valida, il-Kunsill approva li ghandu jiltaqa mad-Diretturi tal-KIP biex jara jekk jintlahaqx kompromess fuq l-ammont tas-somma mixhuta mil-K.I.P. peress li l-Kunsill ma xtaqt jonfoq daqshekk. Fil-kaz li ma jintlahaqx kompromess, il-Kunsill ghandu jerga johrog it-*tender* mil-gdid.

6. Gemellagg mal-Comune di Eriche

Is-Sindku qara l-ittra li rcieva l-Kunsill mill-Comune di Eriche, fejn il-Kunsill kien applika fuq progett religjuz taht il-programm Italia – Malta. Din l-applikazzjoni giet milqugha minn Brussel, u ghalhekk il-Comune di Eriche fl-Italja, stiednu 30 ruh minn Ghajnsielem biex izuru Eriche s-sena d-diehla, fejn din iz-zjara hi pjanata li ssehh mid-29 t'April sas-7 ta' Mejju, 2011. Il-Kunsill qabel li ser jibghat ittra lir-residenti u l-programm, biex min hu nteressat japplika l-Kunsill. Jekk japplikaw aktar minn 30, jintghazlu l-ewwel 30. Jekk ma jkunx hemm konkorrenza bizzejjed il-Kunsill ihassar din l-attivita. Il-Kunsill Lokali ta' l-Gharb flimkien ma Kunsill iehor fir-Rumanija ukoll gew approvati biex jaghmlu parti minn dan il-progett religjuz. Gie deciz ukoll li s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jiltaghqu mas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ta' l-Gharb biex igibu aktar informazzjoni fuq dan il-progett.

7. Attivita` b'risq il-*Community Chest fund*

Is-Sindku ta rendikont tas-somma migbura min din l-attivita` li organizza l-Kunsill minn attivita' specjali li saret f'Open Day ta' Betlehem f'Ghajnsielem. Is-somma migbura kienet dik ta' €448.20.

8. Progett ghall-Eko Ghawdex

Il-Ministru ghal-Ghawdex sejhet laqgha mas-Sindki u s-Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsill Lokali Ghawdxin fejn stqarret li bhala Ministeru ser taghti €70,000 lil kull Kunsill. B'dawn il-flus, il-Kunsill irid jaghmel progett li jghin fil-vizjoni ta' Eko Ghawdex. Il-Kunsill iddecieda li din kienet opportunita verament tajba biex japplika fuq il-progett ta' Passi biex isir *recreational and family park,* li jkun jinkludi wkoll fil-permess, biex fix-xahar ta' Dicembru ikun jista jsir il-progett ta' Christmas Village. Fl-applikazzjoni ghandhom jidhlu l-proposti li hemm imsemmiha fil-linji Gwida ta' Eko Ghawdex. Il-Kunsill qabel li ghandu jitqabbad il-Perit Edward Xerri peress li dan kien diga applika tlett darbiet mal-MEPA fuq Betlehem f'Ghajnsielem u ghalhekk kellu hafna informazzjoni, materjal u pjanti lesti. Dan il-fatt jghin biex l-applikazzjoni tigi sottomettata fil-hin fil-Ministeru ghal-Ghawdex, kif ukoll jiehu hsieb li japplika ghal-permessi necessarji mal-MEPA.

9. Mozzjoni mis-Sur Joe Camilleri

Il-Kunsill qabel li din ma tigix diskussa peress li s-Sur Camilleri mhux prezenti

10. Ikla tal-Milied

Il-Kunsill iddecieda li l-ikla tal Milied issir fis-16 ta'Jannar, 2011 peress li s-Segretarju Ezekuttiv ser tkun imsiefra. Il-Kunsill qabel li jgib kwotazzjonijiet min 3 restaurants.

11. Bethlehem f'Ghajnsielem

Is-Sindku tkellem fuq l-ideja li l-fondazzjoni qed tippjana li ghal din is-sena, fl-ahhar gurnata tal-presepju, dik tat-2 ta' Jannar 2011. Il-pjan hu li s-Slaten Magi jitilqu mill-Pjazza tal-Mellieha fuq iz-zwiemel sac-Cirkewwa fejn wara jitilghu fuq il-vapur u mbaghad mil-port ta' l-Mgarr sa Betlehem f'Ghajnsielem. Mill-fondazzjoni diga bdew isiru diskussjonijiet ma dawk il-persuni li hemm bzonn, kif ukoll ikun hemm diskussjoni bejn il-Kunsill lokali t'Ghajnsielem u dak tal-Mellieha biex din l-idea tkun tista' ssehh fil-realta.

12. Customer Care

*Double yellow line* fit-Triq Filfla – approvata mill-Kunsill.

13. Materji ohra:

Peter Caruana

- Triq Sant Antnin, kantuniera ma Triq iz-Zewwieq hemm tappiera tad-Dranagg li mhix maghluqa tajjeb. Il-Kunsill ser jirraporta din il-hsara lid-Dipartiment tad-Drainage.

Il-laqgha ntemmet fit-4.30pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2010, fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Amanda Cauchi |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |